StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Ro

## L-EWWEL SENA IL-ĠEOGRAFIJA IL-ĦIN: Siegħa u nofs

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** ______________

**N.B. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha u ikteb ċar. F'paġna 6 ssib lista ta' kliem bil-Malti u bl-Ingliż.**

A. Studja sew disinn 1 – Mappa ta' Raħal, imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħtha. (12)

Disinn 1 – Mappa ta' Raħal




1. X'insejħulhom il-linji mimdudin 80, 81, 82 u 83? ______________________
2. X'insejħulhom il-linji weqfin 09, 10 ,11, 12 u 13? ______________________
3. X'insejħulhom flimkien il-linji mimdudin u weqfin 10, 12, 81 u 83?

________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. F’liema kwadru tinsab il-knisja? _______________
5. F’liema kwadru jinsabu l-iżjed il-bandli? ______________
6. Mill-knisja, f’liema direzzjoni tal-boxxla jinsabu l-bandli? _______________
7. Mill-bandli, f’liema direzzjoni tal-boxxla tinsab l-iskola? _______________
8. L-iskala tal-mappa hija 1 / 2500. Ibdilha fi proporzjon rappreżentattiv. _______________
9. X’insejħulhom il-linji rqaq li għandhom in-numri 50, 100 u 150? _____________________
10. X’juru dawn il-linji? _______________________________________
11. Liema bejn l-iskola u l-knisja tinsab f’post ogħla? _______________
12. Jekk timxi fi Triq il-Kampanja lejn it-tramuntana, tkun miexi/miexja f’telgħa jew f’niżla?

_________________

B. In-numri f’dan it-taħriġ jirreferu għal dawk fil-Mappa tal-Gżejjer Maltin fi stampa 2 f’paġna 3. Għalhekk studja sew il-Mappa f’paġna 3 qabel ma twieġeb li ġej. (12)

1. X’jisimhom **l-irħula** mmarkati:

1. _______________ 2. _______________ 3. _______________

4. _______________ 5. _______________ 6. _______________

2. Liema **bajjiet** huma mmarkati:

7. _______________ 8. _______________ 9. _______________

10. _______________

3. Liema **oqsma industrijali** huma mmarkati: 11. ________________ 12. ________________

Ċ. Wieġeb li ġej.

1. Semmi tliet pajjiżi tal-Mediterran, minbarra Malta, li huma membri tal-Unjoni Ewropea.

_________________ _________________ _________________ (3)

2. Tnejn biss minn dawn is-sitt ibliet jinsabu fl-Unjoni Ewropea. Agħmel sing taħthom.

Stokkolma, Żagreb, Belgrad, Kiev, Vjenna, Istanbul (2)

3. Tnejn biss minn dawn it-tmien portijiet jinsabu mal-Baħar Mediterran. Agħmel sing taħthom.

Barċellona, Lisbona, Londra, Marsilja, Bordeaux, Hamburg, Swejz, Rotterdam (2)

4. Semmi erba’ tipi ta’ tniġġis li jista’ jkun hemm fil-Baħar Mediterran. (4)

_____________________________ _____________________________

_____________________________ _____________________________

5. Liema tip ta’ biedja tagħmel ftit li xejn tniġġis? ______________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers




Stampa 2 għal taħriġ B –
Mappa tal-Gżejjer Maltin

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

6. Għaliex tnixxija ta' żejt fil-Baħar Mediterran tkun iktar diżastruża minn tnixxija tal ammont ta' żejt fl-Oċean Atlantiku? ________________________________________

________________________________________________________________

7. Għaliex il-fkieren tal-baħar jinsabu fil-periklu? ________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2)

D. Xi jfissru l-kliem ta' hawn taħt? (15)

1. Pressjoni għolja tal-arja ________________________________________________

________________________________________________________________

2. Pressjoni baxxa tal-arja ________________________________________________

________________________________________________________________

3. Barometru ________________________________________________________

________________________________________________________________

4. Anemometru ______________________________________________________

________________________________________________________________

5. Isobar __________________________________________________________

________________________________________________________________

E. Il-paragrafu ta' taħt huwa fuq **IL-BLAT TA' MALTA**. Komplih billi timla l-vojt bil-kliem li ġej. (14)

rina; saffi; qawwi ta' fuq; bini; ħamrija; baħar; ġeoloġija; blat fil-wiċċ; sedimentarju; franka; punent; żonqor; ħxuna; biċċiet

F'xi nħawi ta' Malta m'hemmx _________________ u lanqas jikber ħaxix fuq dan il-_________________. Malta hija magħmula minn ħames _________________ differenti ta' blat. Dawn kollha mimdudin wieħed fuq l-ieħor, iżda kollha huma blat _________________ li kienu ġew iffurmati taħt wiċċ il-_________________ miljuni ta' snin ilu. L-ogħla saff ngħidulu _________________, jinqasam f'biċċiet kbar u huwa iebes ħafna, filwaqt li l-blat tafli jitfarrak f'_________________ żgħar li jixbħu l-ħamrija. Is-saffi mhumiex tal-istess lewn jew _________________. L-iktar saff dejjaq huwa tar-_________________, filwaqt li l-usa' hu dak taż-_________________ li jasal sa taħt il-livell tal-baħar. Dan l-istudju tal-blat ngħidulu _________________. F'dan l-istudju Malta hija maqsuma fi tnejn: fil-parti tal-_________________ hemm il-blat qawwi ta' fuq fil-wiċċ, filwaqt li fil-parti tal-lvant hemm il-blat tal-_________________ fil-wiċċ li jintuża għall-_________________.

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

F. Wieġeb fil-qosor.

1. Għaliex spiss ikun hemm traffiku f'salib it-toroq? ______________________________
______________________________________________________________________

2. X'ikun hemm fl-eqqel tat-traffiku? ______________________________________________
______________________________________________________________________

3. Għaliex hemm is-sinjali tat-traffiku fit-toroq? ______________________________________
______________________________________________________________________

G. 1. Hawn taħt insibu erba' mapep ta' rħula Maltin fl-istampa 3. Taħt kull mappa ikteb wieħed minn dawn l-erba' ismijiet u forom. (4)

Santa Luċija – ippjanat; San Pawl il-Baħar – lineari Il-Għargħur – djar imgeddsin

Iż-Żebbieġħ – rħajjel

Stampa 3 – <u>Mapep ta' Rħula</u>



a. ____________________________



b. ____________________________



c. ____________________________



d. ____________________________

2. Semmi tliet irħula Maltin li għandhom forma ta' djar imgeddsin. (3)

____________________ ____________________ ____________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

H. Taħt hawn lista ta' ħxejjex u frott. Iktibhom taħt it-tip ta' raba' li fiha jikbru. )

*qamħ* *tadam* *xgħir* *silla* *qarabagħli* *frott*

| Raba' Saqwi | Raba' Bagħli |
|---|---|
| | |
| | |
| | |

I. Wieġeb fil-qosor. (8)

1. Għaliex il-baħar lejn il-punent u t-tramuntana ta' Malta fih ħafna ħut u għalhekk tajjeb għas-sajd?

2. Għaliex ġiet żviluppata t-trobbija tal-ħut?

3. Is-sajd hija industrija primarja. Xi tkun industrija sekondarja?

4. Agħti żewġ raġunijiet għaliex il-fabbriki jinbnew qrib xulxin f'oqsma industrijali.

**Din hija lista ta' kliem ġeografiku użat f'din il-karta tal-eżami u t-tifsira tiegħu bl-Ingliż.**

| | |
|---|---|
| *blat fil-wiċċ* | *outcrops* |
| *kwadru* | *grid square* |
| *direzzjoni tal-boxxla* | *compass direction* |
| *proporzjon rappreżentattiv* | *representative ratio* |
| *nucleated* | *djar imgeddsin* |
| *rħajjel* | *hamlet* |
| *l-eqqel tat-traffiku* | *rush hour* |
| *rina* | *Greensand* |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers